20 ta' Lulju, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Gużeppi Darmanin

**Talkies — Liċenza — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 430 ta' 1-1937.**

*Il-fatt li t-titolar ta' liċenza ta' talkies ikun għamel dmiru kollu biex ma jidħlux nies ta' ċerta età f'wirjiet li għalihom dawk in-nies ma jistgħux jidħlu, u intant jidħol xi ħadd għall-wirja hekk projbita, ma jeżimix lit-titolar tal-liċenza mir-responsabilità penali; għaliex l-osservanza stretta tar-regolamenti dwar id-dħul ta' persuni ta' ċerta età għall-wirjiet projbiti għalihom hija bażata, mhux fuq l-użu jew le tad-diliġenza meħtieġa biex jiġu mħarsa dawk ir-regolamenti, iżda fuq il-fatt tal-permanenza tal-liċenza fuq isem l-imputat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekutiva preżentat kontra Gużeppi Darmanin, akkużat li ż-Żurrieq, fis-6 ta' Ġunju 1951, bħala persuna liċenzjata tal-"Melody Theatre Cinema", naqas li jieħu l-kura meħtieġa biex ma jħallix nies ta' taħt l-età jidħlu f'wirjiet projbiti;

Rat is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 1951 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha l-imsemmi Giuseppe Darmanin ġie misjub ħati u ġie kundannat għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors li bih l-istess Giuseppe Darmanin interpona appell lil din l-Qorti mis-sentenza fuq indikata għar-revokazzjoni tagħha, fuq il-motiv illi l-inkarikat mill-biljetti staqsa lin-nies ta' taħt l-età fuq indikati jekk kellhomx 21 sena, u huma rrispondewh affermativament, u billi f'wirjiet oħra dawn it-tnejn tħallew jgħaddu mill-Pulizija, u dak in-nhar stess kien hemm is-Surġent, u dak l-inkarikat mill-biljetti ikkonvinċa ruħu li d-dikjarazzjoni tagħhom kienet vera; u barra minn dan, l-istatura ta' dawk in-nies tista' tkun ta' bnedmin li għalqu l-21 sena;

Semgħet lid-difensur ta' l-appellant u lill-Avukat tal-Kuruna Dr. Maurice Caruana Curran;

Ikkunsidrat;

Illi l-motiv indikat mill-appellant għal-liberazzjoni tiegħu

ma jistax jiġi aċċettat; il-għaliex il-fatt li l-impjegat tal-"licencee", jew l-istess "licencee", ikun għamel dmiru kollu, mhux biżżejjed bħala skriminanti, billi r-responsabilità mitfugħa fuq il-"licencee" mir-Regolamenti — G.N. 480 ta' l-1937 — għall-osservanza stretta ta' dawk l-istess regolamenti mhix bażata fuq l-użu jew le tad-diligenza, imma fuq il-fatt tal-permanenza tal-liċenza f'isem l-akkużat;

Tirrespinġi għalhekk l-appell, u tikkonferma s-sentenza denunċjata.